*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*

*73, ST. MARY STREET*

*TARXIEN. TXN 1704*

*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email:- tarxien.lc@gov.mt*

Laqgħa Kunsill Lokali Tarxien - Nu 63/2023 it-Tmien Leġislatura

Data: It-Tnejn, 16 t' Ottubru 2023

Ħin: 18:30

Bdiet: 18:30

Post: Uffiċju Amministrattiv Kunsill Lokali Tarxien, 73 Santa Marija Street, Tarxien

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Joseph Abela Galea | Sindku | Preżenti |
| Is-Sa. Darlene Vella Zammit | Viċi - Sindku | Preżenti |
| Is-Sur Neil Portelli | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sur Thomas Debattista | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sur Christian Pace | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sur Ismael Dalli | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa. Anabelle Marmara | Kunsillier | Assenti |
| Is-Sa Lianne Cassar | Deputat Segretarju Eżekuttiv | Preżenti |

**63.1 Ittri ta'Apoloġija**

63.1.1 Is-Sindku semma li s-Sa. Marmara ma nfurmatx li ma kinitx ser tattendi. Għaldaqstant huwa ppropona li s-Sa. Marmara titniżel bħala assenti. Fuq proposta tas-Sindku sskondata mis-Sur Thomas Debattista.

**63.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.62**

63.2.1 Is-Sindku ippreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu. 62 hekk kif mibgħutha mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sur Christain Pace u s-Sur Thomas Debattista, il-Kunsill approva l-minuti hekk kif preżentati.

**63.3 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta l-iskeda ta' pagamenti Nru 52**

63.3.1Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sa. Darlene Vella u s-Sur Thomas Debattista ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn l-25 ta' Settembru 2023 u s-16 t' Ottubru 2023 li kienet tammonta għal €59,049.96.

**63.4 Punti mill-Minuti**

*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*

*73, ST. MARY STREET*

*TARXIEN. TXN 1704*

*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email:- tarxien.lc@gov.mt*

---

| | |
|---|---|
| **63.4.1 Proġett tal-Pjazza** | Is-Sindku semma li għaddejja komunikazzjoni ma' Infrastruttura Malta sabiex ikun jista' jinħareġ tender min-naħa tagħhom.<br>Is-Sindku semma li r-riġenerazzjoni tal-Pjazza tal-lokal kienet parti mill-manifest elettorali minkejja li għadu ma bediex ix-xogħol infrastrutturali, il-konsulktazzjoni u l-esperti li kienu ikkonsultati ser jagħtu serħan il-moħħ li dan il-proġett ser ikun ta' suċċess. |
| **63.4.2 Triq Kurunell Mass** | Is-Sindku semma li Infrastruttura Malta ser tkun qed tibda wkoll xogħol ġewwa Triq il-Kurunell Mass fosthom xogħol fuq ir-roundabout u anki l-bankina. |
| **63.4.3 Bulky Refuse Collection** | Is-Sindku semma li s-sitwazzjoni tranġat peress li anki kien hemm laqgħat mal-kuntrattur. |
| **63.4.4 Cleansing Department** | Is-Sindku semma li ser ikun hemm proġett fuq bażi Nazzjonali ta' tindif ikkordinata mill-Cleansing. Is-Sindku semma li l-Kunsill ser ikun qed jibbenifika minn din l-iskema lejn April 2024. |
| **63.4.5 Skema – Clean Up** | Il-Sindku semma li nxtrat xi għodda bħal blowers u boroż tal-iskart. |
| **63.4.6 Laqgħa għal Cat Feeders** | Il-Sindku semma li din il-laqgħa mal-Cat Feeders għadha pendenti. |
| **63.4.7 Traffic Management – One Ways** | Is-Sindku semma li wara l-ittra li ntbagħatet lill-residenti ta' Triq Ġanni Faure, kien hemm xi residenti li għaddew il-proposti tagħhom. Semma li l-Kunsill kien ser jieħu konsiderazzjoni ta' dawk is-suġġerimenti li kienu daħlu.<br>Semma li biċċa minn Triq Karlu Maratta ġejja two way. Is-Sindku semma li Triq il-Kavallerija saret laqgħa fuqha ma' Inrastruttura Malta sabiex issir il-manitenzjoni tagħha. Semma li l-Kunsill ser ikun qed jistenna risposta fuqha. |

*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*

*73, ST. MARY STREET*

*TARXIEN. TXN 1704*

*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email:- tarxien.lc@gov.mt*

---

| | |
|---|---|
| **63.4.8 Latrini Awtomatiċi** | Is-Sindku iċċirkulha s-site plan annessa u mmarkata bħala Dok A. Is-Sur Neil Portelli propona li sir aġġutament sabiex il-bieb ta' barra tal-latrina jinfetaħ in-naħa l-opposta. |
| **63.4.9 Fondi Norveġiżi** | Is-Sindku semma li l-attivita' tal-aħħar tal-proġett issir fi Ġnien Joanne nhar 2 ta' Diċembru 2023. |
| **63.4.10 Heritage Trail** | Is-Sindku fakkar lis-Sur Christian Pace kellu jagħddi kopja tal-proposta lill-Kunsill. Il-kunsillier responsabbli semma li għandu disin lest tal-podium fejn tista' issir l-informazzjoni. |

63.4.11 Is-Sur Ismael Dalli daħal għal-laqgħa fis-19:00

| | |
|---|---|
| **63.4.12 Skema għall-CCTVs fil-lokalita'** | Is-Sindku semma li ser tkun qed tiddaħħal applikazzjoni sabiex jitwaħħlu dawn jiġu installati erbgħa fil-parking area war l-iskola u oħrajn fi Triq San Franġisk u Triq Sardinja. |
| **63.4.13 Taħriġ tal-First Aid** | Is-Sindku semma li t-taħriġ kien sar u kien suċċess.<br>Il-Viċi Sindku talbet li jsir taħriġ għal Fire Wardens. Fuq proposta tal-Viċi Sindku, il-Kunsill approva li jisr dan it-taħriġ fil-bidu tas-sena d-dieħla. |
| **63.4.14 Traffic Calmers** | Is-Sindku semma li kienu ġew approvati t-traffic calmers kollha li għalihom il-Kunsill kien applika. Semma li kienu inġabru tliet kwotazzjonijiet u inxtraw ħames sleeping police li kienu qed jiġu installati; tnejn ġewwa Triq is-Sorjiet, waħda Triq Lampuka, waħda Triq il-Knisja u oħra Triq il-Frieres. Semma wkoll li dawn kollha ġew imwaħħlin.<br>Semma li Triq Annuciation ma ġietx approvata li jiġu nstallati ballards kif kien propost mill-Kunsill. Semmew li ser jipproponi li jsiru żewġ traffic calmer imma għandu jkun hemm traffic management sħiħ taż-żona. |
| **63.4.15 Bring in Sites** | Is-Sindku semma li kienu ġew installati c-CCTVS u ser ikunu impoġġija l-iskips. |

*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*

*73, ST. MARY STREET*

*TARXIEN. TXN 1704*

*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email:- tarxien.lc@gov.mt*

---

| | |
|---|---|
| | Semmew li għandu jkun hemm aktar infurzar lejn Triq Bir Bixkilla peress li qed ikun hemm ħafna ħmieġ tal-klieb li jitħalla mal-art u ma jinġabarx. |
| **63.4.16 Notice Boards** | Is-Sindku propona li jiġu nstallati erba' notice baords mal-lokal sabiex jagħtu informazzjoni lir-residenti fuq attivitajiet u aħbarjiet mill-Kunsill. Semma wkoll li magħhom ser ikunu installati letterboxes biex ir-residenti jkunu jistgħu jagħddu ilmenti bil-miktub lill-Kunsill.<br>Is-Sur Pace semma li jixtieq jirringrazzja lix-xuffier tal-van tal-Kunsill li qed tati servizz ferm tajjeb fil-lokal. |
| **63.4.17 Attivita' Sportiva** | Is-Sindku semma li ser issir attivita' organizzata mill-Kunsill bl-għajnuna tas-Sur Neil Portelli. Semma li ser issir aktar tard f' Novembru u ser tkun qed tikkonsisti minn logħob tradizzjonali Malti. |
| **63.4.18 Dar tal-Kejka** | Is-Sindku semma li kienet intbgħatet komunikazzjoni lill-Maġġur tal-Scouts u sa issa għad m' hemmx komunikazzjoni min-naħa tagħhom.<br>Is-Sur Thomas Debattista propona u kien hemm qbil minn dawk kollha preżenti sabiex iżuru l-post. |
| **63.4.19 Tberik tal-Annimali** | Is-Sindku semma li l-attivita' saret u kienet waħda ta' suċċess. |
| **63.4.20 Mixgħela taċ-Ċimiterji** | Is-Sindku semma li hemm l-attivita tal-mixgħela taċ-ċimiterji nhar 2 ta' Novembru 2023. Semma li ser tkun bejn 6pm u 9pm. Semma li ser ikun hemm xemgħat fin-naħa tal-parking area wkoll. |
| **63.4.21 Festa Ħelu** | Is-Sindku semma li Festa Ħelu ser issir kif pjanat nhar 25 ta' Novembru 2023. Semma li ser toħroġ sejħa għal minn irid jarma. Semma li fl-attivita' ser jixtgħel ukoll id-dawl tal-Milied tal-lokal. |
| **63.4.22 Festa San Martin** | Is-Sindku semma li ser ikun hemm serata ta' San Martin. |

*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*

*73, ST. MARY STREET*

*TARXIEN. TXN 1704*

*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email:- tarxien.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| **63.4.23 Attivita' 2 ta' Diċembru 2023** | Is-Sindku semma li trid issir attivita' sabiex jiġi inawgurat il-Ġnien Joanne. Semma li din hemm fondi allokati għalija minn Fond Norveġiżi. Semma li kienu inġabru kwotazzjonijiet mill-Banda tal-Pulizija sabiex jagħtu kunċert. |
| **63.4.24 Attivitajiet tal-Milied** | Is-Sindku semma li ser isir festin tal-anzjani kif ukoll festin ta' tfal. |
| **63.4.25 Kunċert Mużikali Letterarju** | Is-Sindku propona li s- sena d-dieħla il-kunsill jikkollabora maż-żewġ baned tal-lokal sabiex jitellgħa Kunċert ta' Mużika Letterarja fil-Parroċċa, |
| **63.4.26 Triq San Anard** | Is-Sindku semma li r-residenti proponew li ssir zebra crossing ġewwa din it-triq. Semma li wieħed irrid jara minħabba fejn ser jittieħed id-dawl. |
| **63.4.27 Triq San Tumas** | Is-Sindku preżenta għall-approvazzjoni d-disinn ta' din it-triq kif propost mill-Periti li kienu tqabdu mill-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku issekondata mis-Sa. Darlene Vella, il-Kunsill qabel mal-proposti ppreżentanti u li dawn kienu ser jagħddu għand Infrastruttura Malta sabiex jagħtu risposta lill-Kunsill meta kienu ser jimplimentaw dan il-proġett.<br>Is-Sindku semma li matul l-aħħar snin saru 22 triq minn Infrastruttura Malta. Is-Sur Thomas Debattista semma li hemm kuntrattur minnhom li qed jieħu x-xogħol bil-mod wisq. |
| **63.4.28 Triq Kurunell Mass** | Is-Sindku semma li fil-ġnien ser jiġu installati bankijiet diġitali li jaħdmu bl-enerġija solari. Semma li dawn ser ikunu qed jagħddu lill-Kunsill minn Entita' Governattiva. |
| **63.4.29 Kerrejja** | Is-Sindku semma li minħabba li hemm ħsarat estensivi u ser ikunu qed jinġabru l-kwotazzjonijiet biex isir ir-restaw fuq il-loġġa. Semma li hemm xorok imkisrin.<br>Il-Kunsill qabel li x-xogħol huwa approvat minħabba li l-loġġa mhix art privata. |
| **63.4.30 Rendikont ta' Taxxa** | |

*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*

*73, ST. MARY STREET*

*TARXIEN. TXN 1704*

*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email:- tarxien.lc@gov.mt*

Is-Sindku semma li l-Kunsill irċieva biex idaħħal rendikont ta' taxxa fuq dħul li seta' sar mill-Kunsill u Tarxien Rainbows fuq kiri tal-ground. Is-Segretarju semmiet li ser tkun qed titlob direzzjoni mid-Dipartiment u mill-accountant tal-Kunsill.

**63.4.31 Contract Manager**

Is-Sindku preżenta r-rapporti tal-contracts manager għall-aħħar xharejn. Dawn preżenti ma approvawx ir-rapport għaliex kienu jidhru li huma template kemm mill-iżbalji li kien fihom, ma kellhomx evidenza fotografika u sked atal-ħinijiet u lanqa skienu iffirmati. Għaldaqstant kien hemm qbil li l-pagamenti ma jintbgħatux lill-Kuntrattur. Semmew ukoll li dan għandu jiġi kkomunikat mal-kuntrattur.

**63.4.32 Inħawi ta' Ġnien Ovindoli**

Is-Sindku semma li kien daħal rapport li kienu ġew bblukatti xi culverts bil-konkos. Is-Sindku semma li huwa nieżel jagħmel rapport l-għassa kif ukoll irapporta lill-entitajiet ikkonċernati sabiex jaġixxu u jerġgħu jiftħu l-culverts.

63.4.32 Is-Sur Chris Pace telaq 20:49.

**63.5 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera**

**63.5.1 Triq ~~Bulebel~~** San Anard ma' Triq Dejma [handwritten amendment, initialled]

Is-Sur Thomas Debattista semma li hemm triangle biż-żebgħa ġewwa Triq Bulebel upropona li din issir parkeġġ. Is-Sindku semma li għandha ssir laqgħa ma' Transport Malta.

**63.5.2 Testijiet taz-zokkor**

Is-Sur Ismael Dalli semma li ser ikun hemm testijiet b' xejn għar-residenti nhar 18 ta' Novembru 2023. Semma li ser ikollu bżonn juża s-sala tal-komunita' għal dik l-attivita'.

*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*

*73, ST. MARY STREET*

*TARXIEN. TXN 1704*

*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email:- tarxien.lc@gov.mt*

**63.6 Aġġornament**

63.6.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fit-21:30, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar il-Ħamis, 9 ta' Novembru 2023 fil-17:30 fl-Uffiċju tal-Kunsill.

Joseph Abela Galea

Sindku

Lianne Cassar

Deputat Segretarju Eżekuttiv

Dok A.




TRIQ IT TEMPJI NEOLITICI

Existing Plan
Scale 1:100




TRIQ IT TEMPJI NEOLITICI

Proposed Plan
Scale 1:100




Scale 1:100

LEGEND

Demolition Proposed

Construction Proposed

Technical Notes for Automated Systems :

-Floor and Wall Tiles to be replaced with large sized Gres Tiles, anti-graffiti paint is proposed on the areas of the proposal not covered by wall tiles.
-Stainless steel WC's with automatic cleaning systems, equipped with touch-less technology.
- All plumbing and drainage systems to be removed and replaced.
- Mirror cabinet wash station with touch-less technology for Water - Soap - Air.

Note for CRPD in accordance with AADG 2011 :

- A turning space of 1500 mm wide and 1500 mm deep have been provided in all circumstances where the accessible route (including ramps) changes direction by 45 degrees or more.
- Accessible routes have minimum of 1.2m wide throughout its entire course.
- All floor surfaces shall be flush at intersections
- Internal Doors : clear door opening of not less than 850 mm
- External Doors : clear door opening of not less than 900 mm
- No change in level has been proposed

| Rev: | Date: | Description: |
|---|---|---|

| | | | |
|---|---|---|---|
| Scale: 1:100 (A3) | Date: 27/09/2023 | | Client: Tarxien Local Council |
| MEPA Ref: PA/00000/00 | Drawn By: FG | | Works: Triq It-Tempji Neolitici, Tarxien |
| Job No: TXN001-001 | Drawing No: 01 | Rev: 00 | Dwg Title: Existing & Proposed Plans |


Architect & Civil Engineer:
**PERIT WILLIAM LEWIS**
B.E.&A. (Hons.), M.Sc. Road Eng., A.&C.E.
83, Triq il-Gdida, Qormi, QRM2122
Tel. / Fax: 21444845, Mobile: 79444845
Email: william@peritwilliamlewis.com